RIŻOLUZZJONI (UE) 2022/1723 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-4 ta' Mejju 2022

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT) għas-sena finanzjarja 2020

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0095/2022),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa tiegħu ([1]), il-baġit finali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru") għas-sena finanzjarja 2020 kien jammonta għal EUR 46 804 684, li jirrappreżenta żieda ta' 2,30 % meta mqabbel mal-2019, billi 88,74 % tal-baġit taċ-Ċentru jiġi minn kontribuzzjonijiet diretti minn istituzzjonijiet, aġenziji u korpi oħra;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020 (ir-"rapport tal-Qorti"), tistqarr li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2020 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 89,99 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 3,05 % meta mqabbla ma' dik tal-2019; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 83,36 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 1,75 % meta mqabbla mal-2019; jinnota li l-kriżi tal-COVID-19 irriżultat f'inċertezza sinifikanti għad-dħul taċ-Ċentru minħabba li l-previżjonijiet baġitarji tal-klijenti segwew xejra mhux lineari; jinnota b'apprezzament li ċ-Ċentru, minkejja dik l-inċertezza, kien kapaċi jibbilanċja l-baġit tiegħu tal-2020;

2. Jilqa' r-rapport taċ-Ċentru li kien hemm implimentazzjoni kważi kompleta (98 %) tal-Pjan ta' Trasformazzjoni 2019-2020 tiegħu, li ġie żviluppat abbażi ta' rakkomandazzjonijiet wara studju estern intitolat "Study on the Translation Centre as the Shared Linguistic Service Provider for the EU Agencies and Bodies" (Studju dwar iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni bħala l-Fornitur ta' Servizzi Lingwistiċi Kondiviżi għall-Aġenziji u l-Korpi tal-UE);

Prestazzjoni

3. Jissottolinja li ċ-Ċentru, li ċċelebra l-25 anniversarju tiegħu fl-2020, jagħti kontribut kruċjali biex jitħares il-prinċipju ewlieni tal-multilingwiżmu fl-Unjoni, u b'hekk mhux biss jippermetti l-funzjonament bla xkiel tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni iżda wkoll jagħti s-setgħa liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tal-Unjoni biex jiksbu aċċess għall-informazzjoni u jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet soċjali, kulturali, ekonomiċi u edukattivi miftuħa għalihom; jifraħ liċ-Ċentru għat-titjib fit-twettiq tal-missjoni tiegħu u jistiednu jżomm il-kontribut tiegħu għall-multilingwiżmu fl-Unjoni;

4. Jinnota l-konċentrazzjoni taċ-Ċentru fuq l-eżitu dirett assoċjat mal-attivitajiet tiegħu; jinnota l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni finanzjarji li jipprovdu indikazzjoni tajba tal-prestazzjoni operattiva taċ-Ċentru; jirrikonoxxi li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni strateġiċi jipprovdu perspettiva multidirezzjonali dwar il-prestazzjoni taċ-Ċentru, lil hinn mill-output; iħeġġeġ liċ-Ċentru jkompli jimmonitorja l-prestazzjoni tiegħu fiż-żewġ livelli, l-output dirett tal-attivitajiet u l-prestazzjoni strateġika;

([1]) ĠU C 114, 31.3.2021, p. 54.

5. Jilqa' l-isforzi kontinwi taċ-Ċentru fl-2020 biex jiżgura l-kwalità tat-traduzzjonijiet prodotti mill-forniturі tas-servizzi lingwistiċi esterni tiegħu, kif ukoll il-miżuri stretti meħuda kontra diversi kuntratturi li d-dokumenti tagħhom ripetutament tqiesu mhux sodisfaċenti; jilqa', f'dak ir-rigward, il-varar, għall-aħħar ta' Awwissu 2020, ta' sistema ta' feedback tal-klijenti kompletament riveduta, fejn l-attenzjoni tmexxiet mill-kejl tas-sodisfazzjon tal-klijenti permezz ta' formoli ta' sodisfazzjon għall-forniment ta' verżjonijiet aġġornati; jistieden liċ-Ċentru jaġġorna u jaġġusta kontinwament dik is-sistema abbażi tal-feedback riċevut;

6. Jinnota li b'635 269 paġna, l-għadd ta' paġni ta' dokumenti tradotti, modifikati, editjati u riveduti kien relattivament stabbli meta mqabbel mal-2019 (639 525 paġna), prinċipalment bħala riżultat ta' tnaqqis fl-għadd ta' paġni ta' trademarks tal-UE tradotti għall-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (tnaqqis ta' 47 928 paġna, jew 13.8 %, meta mqabbel mal-2019) u ta' żieda fl-għadd ta' paġni ta' dokumenti għajr trademarks tal-UE (żieda ta' 43 672 paġna, jew 15 %, meta mqabbel mal-2019);

7. Ifaħħar liċ-Ċentru talli espanda l-portafoll tal-klijenti tiegħu, li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew issieħeb miegħu f'Novembru 2020;

8. Jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru żviluppa servizzi lingwistiċi u metodi ta' ħidma ġodda għall-klijenti tiegħu, bħat-traduzzjoni awtomatika, it-traduzzjoni awtomatika personalizzata, it-traskrizzjoni b'intervent uman u mingħajru u s-sottotitoli ottimizzati;

9. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2020 iċ-Ċentru beda juża l-għodda tar-reklutaġġ elettroniku "Systal" u li ċ-Ċentru pparteċipa f'żewġ proċeduri tal-għażla konġunti mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, li ppermettew li r-riżorsi jiġu kondiviżi u li jiġu investiti sforzi fl-istabbiliment ta' listi ta' riżerva għal profili amministrattivi orizzontali;

Politika dwar il-persunal

10. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2020, mit-tabella tal-persunal kien imtela perċentwal ta' 95,85 %, u li kienu nħatru 47 uffiċjal u 138 aġent temporanju minn 52 uffiċjal u 141 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel mal-193 post tax-xogħol awtorizzati fl-2019); jinnota li, barra minn hekk, 22 aġent kuntrattwali ħadmu għaċ-Ċentru fl-2020 (in-numru ta' postijiet tax-xogħol awtorizzati kien ta' 28);

11. Jinnota l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Trasformazzjoni taċ-Ċentru 2019-2020 u d-Dokument ta' Varar tal-Programm, li twettaq biex isiru bidliet fl-istruttura taċ-Ċentru; jinkoraġġixxi liċ-Ċentru jsaħħaħ l-investiment tiegħu fit-taħriġ tal-persunal;

12. Jinnota, fir-rigward tal-bilanċ bejn is-sessi, li fl-2020 100 % tal-pożizzjonijiet maniġerjali superjuri kienu okkupati minn irġiel, u membru tal-persunal wieħed biss kien irrappurtat li kien f'pożizzjoni ta' maniġment superjuri, u l-bord tal-maniġment kien magħmul minn 53 % irġiel u 47 % nisa; jinnota li hemm sottorappreżentanza tal-irġiel fil-persunal ġenerali taċ-Ċentru (37 % irġiel u 63 % nisa); jitlob liċ-Ċentru jaħdem favur bilanċ bejn il-ġeneri fil-livell tal-persunal;

13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li ċ-Ċentru jkompli bit-trasformazzjoni ambizzjuża tiegħu relatata mad-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali biex iwieġeb għall-ħtiġijiet ta' komunikazzjoni multilingwi tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, li qed jiffaċċjaw volum għoli ta' kontenut varjat u speċjalizzat li għandu jiġi tradott b'riżorsi baġitarji limitati; fl-istess ħin, jirrimarka li b'mod ġenerali hemm ir-riskju li l-pandemija tal-COVID-19 ikollha impatt negattiv, b'mod partikolari, fuq il-persunal kuntrattwali u jitlob li jinstabu modi kif jittaffew u jiġu pprevenuti sitwazzjonijiet prekarji f'dak ir-rigward;

14. Jinkoraġġixxi liċ-Ċentru jaħdem fuq l-iżvilupp ta' qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku kif ukoll ir-reklutaġġ u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità;

Akkwist

15. Jinnota li l-implimentazzjoni tas-sejħa għall-offerti elettronika u tas-sottomissjoni elettronika tal-offerti, biex jikkomplementaw l-introduzzjoni tal-fatturazzjoni elettronika, ġiet posposta minħabba l-kriżi tal-COVID-19; jistieden liċ-Ċentru jimplimenta s-sejħa għall-offerti elettronika u s-sottomissjoni elettronika tal-offerti; jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru, wara l-kriżi tal-COVID-19, talab lill-forituri tas-servizzi lingwistiċi tiegħu jibagħtu l-fatturi kollha tagħhom f'format elettroniku; jilqa' l-fatt li fl-2021 iċ-Ċentru adotta bis-sħiħ il-proċeduri tal-akkwist elettroniku u adotta għall-ewwel darba s-sottomissjoni elettronika;

Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitti ta' interess u trasparenza

16. Jinnota bi tħassib li ċ-Ċentru jippubblika biss id-dikjarazzjonijiet ta' interessi fuq is-sit web tiegħu u li ma jippubblikax is-CVs tal-bord tal-maniġment tiegħu fuq is-sit web tiegħu minħabba d-daqs tal-bord tal-maniġment (madwar 130 membru u sostitut); jenfasizza l-fatt li aġenziji oħra jippubblikaw is-CVs tal-membri tal-bordijiet tal-maniġment rispettivi tagħhom, anke meta dawk il-bordijiet tal-maniġment ikollhom aktar membri minn dak taċ-Ċentru; itenni l-istedina tiegħu liċ-Ċentru biex jippubblika s-CVs tal-membri kollha tal-bord tal-maniġment u jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dak ir-rigward; jinnota li s-CV u d-dikjarazzjoni ta' interessi tad-direttur ġew ippubblikati fuq is-sit web taċ-Ċentru;

Kontroll intern

17. Jinnota l-valutazzjoni tas-sistema ta' kontroll intern taċ-Ċentru u l-kunsiderazzjoni tal-maniġment taċ-Ċentru li r-rieżamijiet tal-monitoraġġ ma wrew l-ebda każ ta' kontrolli inadegwati jew ineffettivi li jesponu liċ-Ċentru għal riskji ewlenin u jilqa' l-fatt li r-rieżamijiet twettqu abbażi tas-17-il prinċipju li jappartjenu lill-ħames komponenti tal-qafas ta' kontroll intern il-ġdid taċ-Ċentru; jilqa' l-konklużjoni taċ-Ċentru li s-sistemi ta' kontroll tiegħu huma għalkollox effettivi b'mod ġenerali, filwaqt li hemm il-ħtieġa li jsiru xi titjibiet biex tkompli tiżdied ir-reżiljenza taċ-Ċentru;

18. Jinnota li l-istrateġija kontra l-frodi taċ-Ċentru tmur lura għall-2016 u li l-pjan ta' azzjoni kontra l-frodi 2019-2020 ġie implimentat bis-sħiħ, u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kontra l-frodi sar permezz tal-inklużjoni tagħhom fil-programm ta' ħidma annwali taċ-Ċentru; jilqa', b'mod partikolari, l-iżvilupp tal-lista bi bnadar ħomor għall-IT u jistieden liċ-Ċentru jaqsam l-esperjenza tiegħu f'dak ir-rigward ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni li għandhom ambjent tal-IT komparabbli; jistieden liċ-Ċentru jikkunsidra li jaġġorna l-istrateġija tiegħu kontra l-frodi abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju ta' frodi sabiex jiżgura li l-isforzi taċ-Ċentru kontra l-frodi jkunu għadhom immirati lejn riskji ta' frodi l-aktar pertinenti;

Rispons għall-COVID-19 u l-kontinwità tal-operat

19. Jinnota li ċ-Ċentru, b'reazzjoni għar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, għamel il-proċeduri amministrattivi kważi kollha mingħajr karti fl-ewwel ġimagħtejn tal-kriżi u li l-introduzzjoni ta' diversi għodod tal-komunikazzjoni u sistemi tal-vidjokonferenzi ġiet aċċellerata ħafna, filwaqt li ġie stabbilit ambjent tat-telexogħol għall-persunal kollu fl-ewwel ftit jiem, li għamel possibbli 98 % tal-funzjonijiet taċ-Ċentru;

Kummenti oħra

20. Jilqa' l-iffirmar ta' kuntratt ta' qafas interistituzzjonali miċ-Ċentru għax-xiri tal-elettriku minn sors ekoloġiku;

21. Jiddispjaċih li wħud mir-regolamenti fundaturi ta' korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni ma jirrikjedulhomx li jużaw is-servizzi taċ-Ċentru; ifakkar li ċ-Ċentru, abbażi tar-regolamenti fundaturi tiegħu, iwieġeb għall-ħtiġijiet ta' servizzi lingwistiċi tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni;

22. Jiddeplora l-għadd kbir ta' membri fuq il-bord, sitwazzjoni li ma tiffaċilitax it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ġestjoni simplifikata;

23. Jistieden liċ-Ċentru jkompli jiżviluppa s-sinerġiji u jżid il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza, pereżempju fir-rigward tar-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà;

24. Ifakkar fl-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni taċ-Ċentru f'dawk li huma l-operazzjoni u l-ġestjoni interni u l-importanza li titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri; jisħaq fuq il-ħtieġa li ċ-Ċentru jkompli jkun proattiva f'dak ir-rigward sabiex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji akkost ta' kollox; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;

25. Jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru bħalissa qed jistudja l-possibbiltà li jibda l-proċedura għall-kisba ta' ċertifikat ISO 14001 jew EMAS fil-futur qrib, sabiex isaħħaħ il-prestazzjoni ambjentali tiegħu. f'dak l-ispirtu, jilqa' t-tħejjija min-naħa taċ-Ċentru tar-rieżami ambjentali inizjali tiegħu fl-2020;

26. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Mejju 2022 ([2]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([2]) Testi adottati, P9_TA(2022)0196.